# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ ATALANTA/3/2013

**tat-2 ta' Diċembru 2013**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex ikun hemm kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)**

(2013/712/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ("KPS") sabiex jieħu d-deċiżjonijiet biex jinħatar il-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' piraterija u serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ("Kmandant tal-Forza tal-UE").

(2) Fit-2 ta' Lulju 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni Atalanta/2/2013 [2] li taħtar il-Komodor Peter LENSELINK bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE irrakkomanda l-ħatra tal-Viċi Ammirall Hervé BLEJEAN bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE bħala s-suċċessur tal-Komodor Peter LENSELINK.

(4) Il-Kumitat Militari tal-UE jappoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Id-Deċiżjon Atalanta/2/2013 għandha għalhekk titħassar.

(6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas mhija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Viċi Ammirall Hervé BLÉJEAN huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) mis-6 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni Atalanta/2/2013 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Diċembru 2013.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---

[1] ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

[2] Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Atalanta/2/2013 tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (ĠU L 187, 6.7.2013, p. 8).